# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, L-Erbgha 8 ta' Gunju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 166/2021 CL

It-Tribunal;

**Dr. Louis Bianchi (KI 27347M) f'ismu propju u ghan-num ta' hutu Madeleine Aquilina u Veronica Rossignaud**

**VERSUS**

**Nikolay Kolev Raychev (KI 38521A) u Stefka Bardarova (KI 69402A)**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-15 ta' Gunju, 2021 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn u erba' euro (€2400), in kwantu ghal kera mill-1 ta' Novembru 2020 sal 31 ta' Mejju 2021 ghal kiri tal-appartament numru 4 gewwa l-binja li tinsab nru 14, Marina Street, Pieta mikri lilhom in kwantu ghas-somma ta' €559.80 kontijiet tad-dawl u l-ilma ghall-perjodu mis-26 ta' Novembru 2020 sal-24 ta' Marzu 2021. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment kontra l-intimatu i bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti naqsu milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa; Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuti gew debitament notifikata bl-atti processwali permess tal-affissjoni u publikazzjoni. Minkejja tali notifika, il-konvenuti la ressqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghhom quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilhom ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal- pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenuti, ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tas-27 ta' April, 2022.

Fil-konfront ta' l-imsemmija socjeta konvenuta gie prezentant kapitolu mill-attur fil-25 ta' Mejju 2022[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tal-1 ta' Gunju, 2022, peress li l-konvenuti naqsu milli jirregistra dehera biex jwiegbu ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lil konvenuti biex jhallsu lill-istess attur is-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u finali.

[1] Kapitolu a fol. 21
[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, huma a kariku tal-konvenuti salv ghall-ispejjez marbuta mal-mandat ta' sekwestru u l-ittra bonarja stante li mill-atti ma jidhirx li gewipprezentati ebda dokumenti relatati.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**